# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024**

**Numru 13**

**Rikors Numru 290/14/1 FDP**

**Rylex Holdings Limited (C-26226) u Ronald Azzopardi)**

**v.**

**All Financial Services Ltd. (C-9893)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija konvenuta All Financial Services Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Marzu, 2021, fejn: (i) intlaqgħu t-talbiet attriċi, u b'hekk ġie ddikjarat li l-atturi ħallsu lill-kumpanija konvenuta l-ammont ta' €8,712, mertu ta' żewġ tranżazzjonijiet u għaldaqstant l-imsemmi ammont mhux dovut; (ii) ġie ordnat lill-kumpanija konvenuta sabiex trodd lura ż-żewġ

ċekkijiet lill-atturi; (iii) ġie ddikjarat li l-kumpanija konvenuta rċeviet ħlas indebitu u llikwidat il-ħlas indebitu fl-ammont ta' €5,758 u kkundannat lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas dan l-ammont lill-atturi; (iv) bl-imgħax mid-data ta' meta s-sentenza ssir *res judicata* sad-data tal-ħlas effettiv; u (v) bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumpanija konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-8 ta' April 2014, l-atturi fissru kif fl-4 ta' Novembru, 2013, huma talbu lill-kumpanija konvenuta sabiex tgħaddilhom l-ammont ta' €5,000, għall-bżonnijiet tan-negozju tagħhom, liema talba ntlaqgħet kontra l-ħlas ta' somma ekwivalenti għal wieħed fil-mija (1%) kuljum, ikkalkulata fuq l-istess imsemmi ammont jew fuq kwalsiasi bilanċ li jkun għadu dovut minnhom.

3. Ifissru li dan wassal lill-kumpanija konvenuta sabiex ħarġet żewġ ċekkijiet, bin-numri 2017 u 2018, datati 4 ta' Novembru 2013, li nħarġu minn fuq il-kont li l-kumpanija konvenuta għandha mal-Bank of Valletta p.l.c. (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ BOV) fl-ammont ta' €2,500 kull ċekk, wieħed favur l-attur Ronald Azzopardi u ieħor favur ta' terza persuna li ġiet indikata mill-istess attur Azzopardi għal dan l-iskop, rispettivament.

4. Mal-ħruġ taż-żewġ ċekkijiet hawn qabel imsemmija, l-atturi ħarġu ċekk, bħala garanzija għall-ħlas lura lill-kumpanija konvenuta, jiġifieri ċ-ċekk numru 982, datat 12 ta' Novembru, 2013, li nħareġ minn fuq il-kont li l-kumpanija attriċi għandha mal-BOV - fl-ammont ta' €5,000.

5. L-atturi jkomplu jfissru kif wara ftit, fis-26 ta' Novembru, 2013, huma talbu lill-kumpanija konvenuta sabiex tgħaddilhom l-ammont ta' 2,970 lira sterlina, ekwivalenti għal €3,712, għall-bżonnijiet tan-negozju tagħhom, liema talba wkoll intlaqgħet mill-istess kumpanija konvenuta lejn il-ħlas ta' somma ekwivalenti għal wieħed fil-mija (1%) kuljum, ikkalkulata fuq l-istess imsemmi ammont jew fuq kwalsiasi bilanċ li jkun talvolta għadu dovut minnhom. L-imsemmi ammont ta' 2,970 lira sterlina, ekwivalenti għal €3,712, ġie mgħoddi lill-atturi fl-istess ġurnata.

6. L-atturi jissoktaw jgħidu li hekk kif sar il-pagament tal-ammont imsemmi, l-atturi ħarġu ċekk, bħala garanzija għall-ħlas lura lill-kumpanija konvenuta - jiġifieri ċ-ċekk numru 1114 tal-4 ta' Diċembru, 2013, li nħareġ minn fuq il-kont li l-kumpanija attriċi għandha mal-BOV - fl-ammont ta' €3,712.

7. L-atturi jsostnu li skont ftehim li ntlaħaq wara bejn il-partijiet, l-atturi kellhom iħallsu lura l-ammont sħiħ ta' €8,712, li ġie avvanzat lilhom mill-kumpanija konvenuta, permezz ta' pagamenti regolari f'ammonti varji - li jiġu stabbiliti, minn żmien għal żmien, skont il-likwidità tal-atturi - u dan

minbarra s-somma ekwivalenti għal wieħed fil-mija (1%) kuljum, kif imfisser.

8. L-atturi jisħqu li skont l-istess ftehim milħuq bejn il-partijiet, iż-żewġ ċekkijiet li kienet ħarġet il-kumpanija attriċi bħala garanzija għall-ħlas lura, kellhom jintraddu lura lill-atturi hekk kif jitħallas lura l-ammont kollu dovut. Jgħidu li bdew iwettqu pagamenti regolari favur il-kumpanija konvenuta, kif miftiehem, l-aktar permezz ta' ċekkijiet maħruġa minn fuq il-kont li l-kumpanija attriċi għandha mal-Bank of Valletta p.l.c., liema ċekkijiet kienu, ħafna drabi, jinħarġu, fuq talba tal-kumpanija konvenuta stess, f'isem l-attur Ronald Azzopardi, li kien ukoll jiġi mitlub, dejjem mill-istess kumpanija konvenuta, sabiex jiffirma fuq il-parti ta' wara ta' kull ċekk, u jniżżel l-istess parti bil-kliem: «*Please pay cash to Ronald Azzopardi I. D. 700661 (M)*.»

9. L-atturi jkomplu billi jgħidu li dawn iċ-ċekkijiet kienu, jiġu ffirmati wkoll fuq il-parti ta' wara tagħhom minn George Bugeja, bħala Direttur tal-kumpanija konvenuta, meta jiġu ppreżentati għall-ħlas. B'dan il-mod, l-atturi jisħqu li ħallsu lura lill-kumpanija konvenuta l-ammont ta' €15,720, ċjoè €7,008 aktar mill-valur taż-żewġ tranżazzjonijiet imsemmija qabel, tal-4 ta' Novembru, 2013 u tas-26 ta' Novembru, 2013, rispettivament, u dan kif jirriżulta mill-prospett ippreparat minnhom flimkien mal-kopja ta' ċekkijiet u ta' dokumenti oħrajn li jixhdu l-pagamenti kollha li saru.

10. Jingħad mill-atturi li minkejja li sejħu lill-kumpanija konvenuta permezz ta' ittra legali tal-25 ta' Frar 2014, sabiex tħallashom lura, is-somma ta' €5,397.42, rappreżentanti parti mis-somma li ġiet imħallsa lill-istess kumpanija konvenuta indebitament, u sabiex tirritornalhom ukoll, iż-żewġ ċekkijiet li kienu ngħataw lilha bħala garanzija għall-ħlas lura, fl-ammont kumplessiv ta' €8,712, dan kollu kien ta' xejn.

11. L-atturi jilmentaw ukoll li l-kumpanija konvenuta, minkejja li kienet saħansitra rċeviet ħlas indebitu mingħand l-atturi, bdiet tippreżenta għall-ħlas, lill-BOV, iż-żewġ ċekkijiet li kienu ngħataw lilha bħala garanzija għall-ħlas lura, u dan b'mod regolari u minkejja li kienet laħqet ġiet infurmata mill-atturi li, fiċ-ċirkostanzi, ma kinux ser jinżammu fondi fil-kont li minn fuqu kienu nħarġu l-istess ċekkijiet.

12. L-atturi fissru kif l-imġiba tal-kumpanija konvenuta kkaġunat danni lill-atturi, konsistenti f'*bank charges* li ġew imħallsa lill-BOV, kull darba li ż-żewġ ċekkijiet imsemmija ġew ippreżentati għall-ħlas mill-kumpanija konvenuta kif ingħad, telf ta' mgħaxijiet fuq is-somma li ġiet imħallsa lill-kumpanija konvenuta indebitament, u telf ieħor.

13. Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-atturi talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«I. Tiddikjara illi l-esponenti ġià ħallsu, lill-kumpanija konvenuta, l-ammont ta' €8,712, meritu taż-żewġ tranżazzjonijiet tal-4 ta' Novembru 2013 u tas-26 ta' Novembru 2013 rispettivament u li konsegwentement*

*l-istess imsemmi ammont ta' €8,712 m'għadux dovut mill-istess esponenti lill-istess kumpanija konvenuta;*

*II. Tordna, konsegwentement, lill-kumpanija konvenuta sabiex tirritorna lura lill-esponenti ż-żewġ ċekkijiet, li nħarġu minn fuq il-kont li l-kumpanija esponenti għandha mal-Bank of Valletta p.l.c., ossia ċekk numru 982, datat 12 ta' Novembru 2013, fl-ammont ta' €5,000, u ċekk numru 1114, datat 4 ta' Diċembru 2013, fl-ammont ta' €3,712;*

*III. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta rċeviet ħlas indebitu mingħand l-esponenti;*

*IV. Tillikwida, konsegwentement, il-ħlas indebitu li rċeviet il-kumpanija konvenuta mingħand l-esponenti;*

*V. Tikkundanna, konsegwentement, lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas, lill-esponenti, is-somma hekk likwidata;*

*VI. Tiddikjara illi l-aġir tal-kumpanija konvenuta kkaġuna danni lill-esponenti;*

*VII. Tillikwida, konsegwentement, id-danni kollha li ġew ikkaġunati mill-kumpanija konvenuta lill-esponenti;*

*VIII. Tikkundanna, konsegwentement, lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas, lill-esponenti, id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tal-20 ta' Marzu 2014, ossia mandat numru 443/2014 MG, u dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Frar 2014, u bl-imgħaxijiet, kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

14. Il-kumpanija konvenuta ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fit-28 ta' April, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

*«1. Illi t-talbiet kollha għandhom jiġu miċħuda peress illi mhux minnu li r-rikorrenti ħallsu lill-eċċipjenti kif qed jiġi allegat u d-debitu/prezz dovut lill-esponenti għadu fil-fatt dovut. Illi Ronald Azzopardi għamel dikjarazzjoni falza u qarrieqa fil-proċeduri odjerni u dana kif se jirriżulta ampjament waqt il-ġbir tal-provi.*

*2. Isegwi għalhekk li kull talba għandha tiġi miċħuda.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

15. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Marzu, 2021, inqatgħet il-kawża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta, laqgħet it-talbiet attriċi u ddeċidiet li:

*«**Tiddikjara** illi r-rikorrenti Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi ġa ħallsu lis-soċjetà All Financial Services Limited l-ammont ta' €8,712, meritu taż-żewġ tranżazzjonijiet tal-4 ta' Novembru 2013 li jidhru a fol 78 u 79 tal-proċess u tal-Foreign Currency Sale tas-26 ta' Novembru 2013 li tidher a fol 84 tal-proċess u li għalhekk l-istess imsemmi ammont ta' €8,712 m'għadux dovut mir-rikorrenti lis-soċjetà intimata;*

***Tordna** lis-soċjetà intimata sabiex tirritorna lura lir-rikorrenti ż-żewġ ċekkijiet, li nħarġu minn fuq il-kont li l-kumpanija esponenti għandha mal-Bank of Valletta p.l.c., ossia ċekk numru 982, datat 12 ta' Novembru 2013, fl-ammont ta' €5,000, u ċekk numru 1114, datat 4 ta' Diċembru 2013, fl-ammont ta' €3,712;*

***Tiddikjara** illi s-soċjetà intimata All Financial Services Limited irċeviet ħlas indebitu mingħand ir-rikorrenti;*

***Tillikwida** l-ħlas indebitu li rċeviet is-soċjetà intimata mingħand ir-rikorrenti fl-ammont ta' ħamest elef, seba' mija u tmienja u ħamsin ewro (€5,758);*

***Tikkundanna** lis-soċjetà All Financial Services Ltd tħallas lir-rikorrenti Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi in solidum bejniethom is-somma ta' ħamest elef, seba' mija u tmienja u ħamsin ewro (€5,758);*

***Tiċħad** it-talbiet l-oħra rikorrenti.*

***Spejjeż** kif mitluba ikunu kollha a kariku tas-soċjetà intimata.*

***Imgħax** ikun dovut mid-data meta s-sentenza ssir 'res ġudikata' sad-data tal-pagament effettiv.»*

16. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kawża b'dan il-mod, kienu dawn:

*« **Fatti***

*29. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi r-rikorrent Ronald Azzopardi jopera lukanda ġewwa tas-Sliema bl-isem ta' Windsor Hotel, li kienet topera wkoll bil-kumpanija Rylex Holdings Limited.*

*30. Jirriżulta mill-banda l-oħra, illi s-soċjetà intimata All Financial Services Limited, immexxija minn George Bugeja, kumpanija liċenzjata bħala istituzzjoni finanzjarja iżda, fl kliem Bugeja stess "mhix liċenzjata sabiex issellef il-flus" (fol 189)*

*31. Jirriżulta illi l-uffiċini tas-soċjetà intimata jinsabu viċini tal-lukanda tar-rikorrenti, u mument minnhom, beda jsir negozju bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrenti jakkwistaw flejjes fi Sterlina Ingliża mingħand is-soċjetà intimata u sussegwentement jerġgħu jitħallsu lura mir-rikorrenti b'ċekkijiet maħruġa jew minnu jew mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited.*

*32. Jirriżulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent kellu bżonn somma flus, fl-ammont ta' €5,000, sabiex jagħmel ċerti ħlasijiet li kellu bżonn jagħmel, u għal dak il-għan is-soċjetà intimata, fl-4 ta' Novembru 2013, għaddiet żewġ ċekkijiet ta' €2,500 kull wieħed filwaqt illi r-rikorrent Azzopardi personalment għada ċekk fl-import totali ta' €5,000 bħala garanzija għall-ħlas lura, bid-data bil-quddiem tat-12 ta' Novembru 2013.*

*33. Jirriżulta illi, madanakollu, sussegwentement ir-rikorrenti ma setax jonora ċ-ċekk ta' €5,000 minnu maħruġ u għalhekk il-partijiet ftehmu li ċ-ċekk jinżamm mis-soċjetà intimata filwaqt illi r-rikorrent jibda jagħmel pagamenti meta jista' intiżi sabiex iħallas l-import ta' €5,000 u wara ċ-ċekk jintradd lura lir-rikorrent Azzopardi.*

*34. Jirriżulta wkoll illi, sussegwentement, ir-rikorrent Azzopardi, bħalma kien għamel preċedentement mingħajr ebda diffikultà, akkwista flejjes oħra fi Sterlina Ingliża mingħand is-soċjetà intimata bil-ħlas li kellu jsir bl-istess modalità ta' qabel, ossia billi jħalli ċekk fl-import tal-flejjes mislufa mas-soċjetà intimata bħala garanzija, liema ċekk qatt ma ġie onorat.*

*35. Jirriżulta illi wara dakinhar, tranżazzjonijiet oħra bejn il-partijiet ma sarux, iżda nel frattemp, ir-rikorrenti baqgħu jagħmlu varji pagamenti bil-għan illi jħallsu l-ammonti li kien għad hemm dovut lis-soċjetà intimata.*

*36. Ġara, iżda, illi mument minnhom, ir-rikorrent Azzopardi, illi regolarment kien qiegħed jgħaddi pagamenti lis-soċjetà intimata, ossia direttament lil George Bugeja, beda jagħmel il-konteġġi tiegħu u nduna li bil-pagamenti li kien għamel lis-soċjetà intimata, huwa kien attwalment ħallas aktar milli kien dovut.*

*37. Għalhekk, fil-25 ta' Frar 2014, huwa bagħat Ittra Legali lis-soċjetà intimata fejn talabha sabiex tirrifondi s-somma ta' €5,397.42 imħallsa lilha indebitament kif ukoll sabiex tirritorna ż-żewġ ċekkijiet illi kienu nżammew mis-soċjetà intimata bħala garanzija, liema ċekkijiet ir-rikorrent kien ipproċeda biex iwaqqaf mal-bank, fejn għarraf lil Bank of Valletta illi tali ċekkijiet kienu mitlufa. (fol 91)*

*38. Jirriżulta illi, minkejja tali interpellanza, bejn it-12 ta' Marzu 2014 u l-21 ta' Marzu 2014, is-soċjetà intimata ppruvat issarraf dawn iż-żewġ*

*ċekkijiet għal seba' darbiet, iżda fiż-żewġ okkażżjonijiet, dawna ġew "refer to drawer" stante illi kienu twaqqfu mir-rikorrent filwaqt illi l-Bank of Valletta għamlet 'bank charge' kontra s-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited ta' €23.29 għal kull darba li ċ-ċekk ma ssarrafx. (fol 106)*

*39. Eventwalment, fit-8 ta' April 2014, ir-rikorrenti bdew il-proċeduri odjerni.*

*40. Is-soċjetà intimata, da parte tagħha, ikkontestat kwalsiasi pretensjoni tar-rikorrenti u nsistiet li r-rikrorent Ronald Azzopardi kien qiegħed jagħmel dikjarazzjoni falza u li ma kienx minnu li tali flejjes kienu ġew minnha imħallsa indebitament.*

***Konteġġi***

*41. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti ppreżentaw l-konteġġi minnhom magħmula (fol 7) bil-pagamenti illi huma kienu għamlu kif ukoll pagamenti u ċekkijiet minnhom mħallsa (fol 8 sa 33, fol 106 u fol 340 sa 348).*

*42. Jirriżulta illi, da parte tagħha, is-soċjetà intimata ppreżentat il-konteġġi tagħha (fol 255), flimkien ma' dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, ħafna minnhom ippreżentati tliet darbiet. (fol 66 sa 85, fol 111 sa 186 u fol 256 sa 296).*

*43. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tagħmel riassunt tal-fatti u tranżazzjonijiet kif jirriżulta minn tali dokumentazzjoni.*

*44. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni tas-soċjetà intimata, illi saru s-segwenti tranżazzjonijiet li dwarhom ma jidher illi hemm ebda kontestazzjoni:*

> *a. Jirriżulta illi fit-30 ta' Awwissu 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 66 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151414*** *fl-import ta' €1,220, liema ammont ġie saldat permezz ta' ċekk maħruġ mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 537 fl-import totali ta' €1,340 li nħareġ fl-10 ta' Settembru u ġie msarraf mis-soċjetà intimata fit-12 ta' Settembru 2013, kif jidher a fol 347 tal-proċess.*
>
> *b. Jirriżulta illi fit-12 ta' Settembru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 67 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151475*** *fl-import ta' €3,290, liema ammont ġie saldat permezz ta' żewġ ċekkijiet maħruġa mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 620 u 610 maħruġa rispettivament fl-20 ta' Settembru 2013 u s-27 ta' Settembru 2013 fl-import rispettivi ta' €1,700 u €2,000, u msarrfa fid-data li nħarġu ċ-ċekkijiet, kif jidher a fol 347 tal-proċess.*
>
> *c. Jirriżulta illi fl-20 ta' Settembru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 69 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151528*** *fl-import ta' €1,980, liema ammont ġie saldat permezz ta' ċekk maħruġ mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited*

*BOV Nru 672 fl-import totali ta' €2,050 li nħareġ fil-25 ta' Settembru u ġie msarraf mis-soċjetà intimata fil-25 ta' Settembru 2013, kif jidher a fol 347 tal-proċess.*

*d. Jirriżulta illi fit-2 ta' Awissu 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 70 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151597*** *fl-import ta' €3,450, liema ammont ġie saldat permezz ta' ċekk maħruġ mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 743 fl-import totali ta' €3,450 li nħareġ fit-8 ta' Ottubru 2013 u ġie msarraf mis-soċjetà intimata fit-8 ta' Ottubru 2013, kif jidher a fol 348 tal-proċess.*

*e. Jirriżulta illi fil-15 ta' Ottubru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 71 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151654*** *fl-import ta' €3,560, liema ammont ġie saldat permezz ta' ċekk maħruġ mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 837 fl-import totali ta' €3,560 li nħareġ fil-25 ta' Ottubru 2013 u ġie msarraf mis-soċjetà intimata fil-25 ta' Ottubru 2013, kif jidher a fol 348 tal-proċess.*

*f. Jirriżulta illi fit-28 ta' Ottubru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 72 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151700*** *fl-import ta' €3,435, liema ammont ġie saldat permezz ta' Banker's Draft li jinsab a fol 342 tal-proċess, maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq struzzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited fl-import totali ta' €3,435 li nħareġ fl-10 ta' Settembru 2013. Jirriżulta illi tali Banker's Draft inħareġ in sostituzzjoni ta' ċekk tas-soċjetà Rylex Holdings Limited a favur tas-soċjetà intimata, Ċekk Nru 939, li l-oriġinal tiegħu jinsab a fol 341 tal-proċess.*

*g. Jirriżulta illi fit-8 ta' Novembru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 74 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151730*** *fl-import ta' €3,705.30, liema ammont ġie saldat permezz ta' Banker's Draft li jinsab a fol 345 tal-proċess, maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq struzzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited fl-import totali ta' €3,705.30 li nħareġ fil-15 ta' Settembru 2013. Jirriżulta illi tali Banker's Draft inħareġ in sostituzzjoni ta' ċekk tas-soċjetà Rylex Holdings Limited a favur tas-soċjetà intimata, Ċekk Nru 1007, li l-oriġinal tiegħu jinsab a fol 344 tal-proċess.*

*h. Jirriżulta illi fit-12 ta' Novembru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 76 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet* ***Foreign Currency Sale Nru 151756*** *fl-import ta' €1,250, liema ammont ġie saldat permezz ta' ċekk maħruġ mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 1042 fl-import totali ta' €1,250 li nħareġ fl-14 ta' Novembru 2013 u ġie msarraf mis-soċjetà intimata fil-15 ta' Novembru 2013, kif jidher a fol 348 tal-proċess.*

*45. Jirriżulta illi wara dakinhar, saru żewġ tranżazzjonijiet illi dwarhom hemm kontestazzjoni u li wasslet għall-pendenza odjerna.*

*a. Jirriżulta illi fl-4 ta' Novembru 2013, saret talba minn Ronald Azzopardi lis-soċjetà intimata għall-ħruġ ta'* ***ċekk f'isem ta' Dr Norval Desira,*** *fl-import ta' €2,500. (fol 78)*

*b. Jirriżulta wkoll illi fl-4 ta' Novembru 2013, saret talba minn Ronald Azzopardi lis-soċjetà intimata għall-ħruġ ta' ċekk **f'isem Ronald Azzopardi** stess, fl-import ta' €2,500. (fol 79)*

*c. Jirriżulta illi sabiex tagħmel tajjeb għal tali ċekkijiet, is-soċjetà rikorrenti ħarġet ċekk tal-Bank of Valletta Nru 982 fl-import ta' €5,000 datat 12 ta' Novembru 2013, liema ċekk qatt ma ġie onorat mill-Bank. (fol 91)*

*d. Jirriżulta illi fis-26 ta' Novembru 2013, kif jidher mid-dokumentazzjoni a fol 84 tal-proċess, is-soċjetà intimata għamlet **Foreign Currency Sale Nru 151810** fl-import ta' €3,712, għal liema ammont inħareġ ċekk mis-soċjetà rikorrenti Rylex Holdings Limited BOV Nru 1114 fl-import totali ta' €3,712 datat l-4 ta' Diċembru 2013, liema ċekk qatt ma ġie onorat mill-Bank. (fol 91)*

*e. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata tikkontendi illi l-ammonti ta' €5,000 u €3,712, li flimkien jagħmlu l-ammont ta' €8,712, qatt ma tħallsu mir-rikorrenti, tant illi erbgħa snin wara li nbdew il-proċeduri odjerni, permezz ta' Rikors Nru 29/18 is-soċjetà intimata bdiet proċeduri fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' tali somma, liema proċeduri, iżda, marru Sine Die wara deċiżjoni tal-Qorti meħuda fid-29 ta' April 2019 fuq talba tas-soċjetà rikorrenti.*

*f. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrenti jikkontendu illi għamlu varji pagamenti wara l-4 ta' Novembru 2013 lis-soċjetà intimata,*

*g. Jirriżulta illi r-rikorrenti jisħqu li kien George Bugeja li kien jinsisti magħhom li tali pagamenti jinħarġu f'isem Ronald Azzopardi stess sabiex eventwalment jinħarġu cash, sabiex dawna ma jidhrux.*

*h. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata, fil-provi tagħha, ippreżentat statement tal-ħlasijiet illi hija rċeviet, a fol 255 tal-proċess, fejn jirriżulta illi attwalment il-pagamenti indikati mir-rikorrenti bħala ħlas cash kienu attwalment rikonoxxuti mis-soċjetà intimata stess bħala pagamenti magħmula lilha.*

*i. Jirriżulta varji pagamenti li għamlu r-rikorrenti wara l-4 ta' Novembru 2013 li huma s-segwenti:*

> *i. **Bank Draft 17590 tal-BOV** maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 4 ta' Novembru 2013 maħruġ f'ismu stess fl-import ta' **€600** (fol 8) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 12 fol 255.*
>
> *ii. **Bank Draft 17595 tal-BOV** maħruġ mis-soċjetà Rylex Holdings Limited datat 12 ta' Novembru 2013 maħruġ f'isem Ronald Azzopardi fl-import ta' **€600** (fol 9) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 17 fol 255.*
>
> *iii. **BOV Ċekk Nru 1043** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 14 ta' Novembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€120** (fol 11) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 20 fol 255.*

*iv.* ***BOV Ċekk Nru 1008*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 16 ta' Novembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€500*** *(fol 12) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 21 fol 255.*

*v.* ***BOV Ċekk Nru 983*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 12 ta' Novembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€600*** *(fol 13) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 19 fol 255.*

*vi.* ***BOV Ċekk Nru 1086*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 27 ta' Novembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€600*** *(fol 14) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 23 fol 255.*

*vii.* ***Bank Draft 17571 tal-BOV*** *maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 5 ta' Diċembru 2013 maħruġ f'ismu stess fl-import ta'* ***€1,150*** *(fol 15) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 24 fol 255.*

*viii.* ***Bank Draft 17812 tal-BOV*** *maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 18 ta' Diċembru 2013 maħruġ f'ismu stess fl-import ta'* ***€1,150.06*** *(fol 16) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 25 fol 255.*

*ix.* ***BOV Ċekk Nru 1239*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 19 ta' Diċembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€1,150*** *(fol 17) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 27 fol 255.*

*x.* ***BOV Ċekk Nru 1238*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 17 ta' Diċembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€200*** *(fol 18) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 26 fol 255.*

*xi.* ***BOV Ċekk Nru 1285*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 24 ta' Diċembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€100*** *(fol 19) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 28 fol 255.*

*xii.* ***BOV Ċekk Nru 1286*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 24 ta' Diċembru 2013 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€1150*** *(fol 20) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 29 fol 255.*

*xiii.* ***BOV Ċekk Nru 1391*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 9 ta' Jannar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€250*** *(fol 21) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 30 fol 255.*

*xiv.* ***BOV Ċekk Nru 1411*** *maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 14 ta' Jannar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta'* ***€1,000*** *(fol 22) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 31 fol 255.*

*xv. **BOV Ċekk Nru 1454** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 21 ta' Jannar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€200** (fol 23) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 32 fol 255.*

*xvi. **Bank Draft 44647 tal-BOV** maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 22 ta' Jannar 2014 maħruġ f'ismu stess fl-import ta' **€1,000** (fol 24) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 33 fol 255.*

*xvii. **BOV Ċekk Nru 1456** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 22 ta' Jannar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€100** (fol 25) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 34 fol 255.*

*xviii. **BOV Ċekk Nru 1499** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 28 ta' Jannar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€100** (fol 26) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 35 fol 255.*

*xix. **Bank Draft 17397 tal-BOV** maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 31 ta' Jannar 2014 maħruġ f'ismu stess fl-import ta' **€800** (fol 27) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 36 fol 255.*

*xx. **Bank Draft 17400 tal-BOV** maħruġ minn Ronald Azzopardi datat 31 ta' Jannar 2014 maħruġ f'ismu stess fl-import ta' **€500** (fol 28) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 37 fol 255.*

*xxi. **BOV Ċekk Nru 1620** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 17 ta' Frar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€100** (fol 29) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 41 fol 255.*

*xxii. **BOV Ċekk Nru 1511** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 7 ta' Frar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€1,000** (fol 30) – pagament indikat bħala refer to drawer kolonna 38 fol 255.*

*xxiii. **BOV Ċekk Nru 1513** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 17 ta' Frar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€500** (fol 31) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 40 fol 255.*

*xxiv. **BOV Ċekk Nru 1512** maħruġ minn Rylex Holdings Limited datat 14 ta' Frar 2014 a favur ta' Ronald Azzopardi fl-import ta' **€1,000** (fol 32) – pagament rikonoxxut li sar lis-soċjetà intimata mis-soċjetà intimata stess – vide kolonna 39 fol 255.*

*46. Jirriżulta illi l-uniku pagamenti fuq imsemmi li ma huwiex rikonoxxut bħala mħallas mis-soċjetà intimata, huwa ċ-ċekk Nru 1511, li fl-istatement tas-soċjetà intimata, huwa indikat bħala 'refer to drawer'. Madanakollu, fid-dokumentazzjoni esibita mir-rikorrenti, a fol 30, għalkemm inizjalment indikat bħala 'refer to drawer' fis-7 ta' Frar 2014,*

*sussegwentement ġie onorat mill-Bank fil-11 ta' Frar 2014 – għalhekk il-Qorti tqis illi, bħal pagamenti l-oħra, dana kien pagament li sar lis-soċjetà intimata.*

*47. Jirriżulta illi l-import totali ta' dawna l-pagamenti kollha fuq indikati fil-paragrafu 45 jammontaw komplessivament għal €14,470.06.*

***Ħlasijiet mhux konteġġjati***

*48. Jirriżulta wkoll illi fl-istatement ippreżentat mis-soċjetà intimata u spjegat minn George Bugeja stess, huwa stqarr illi l-ammonti li huma indikati bl-aħdar, ossia t-tranżazzjonijiet kollha li saru sat-28 ta' Ottubru 2013, kollha tħallsu u għalhekk ma hemm ebda pretensjoni dwarhom filwaqt illi dawk immarkati bl-isfar huma l-pagamenti li dwarhom hemm il-kontestazzjoni.*

*49. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fl-istatement tas-soċjetà intimata, il-ħlas li sar permezz ta'* ***Bank Draft 17800 tal-BOV*** *datat 15 ta' Novembru 2013 fl-import ta' €3,705.30 (fol 346) b'referenza għall-Foreign Currency Sale Nru 151730 datat 8 ta' Novembru 2013 Numru 151730 fl-import ta' €3,705.30 (fol 75) ma huwiex imniżżel fil-konteġġi tas-soċjetà intimata, għalkemm jidher li l-ħlas attwalment kien sar.*

*50. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi fl-istatement tas-soċjetà intimata, il-ħlas li sar permezz ta'* ***BOV Ċekk Nru 1042*** *datat 14 ta' Novembru 2013 fl-import ta' €1,250 (fol 348) b'referenza għall-Foreign Currency Sale Nru 151756 datat 12 ta' Novembru 2013 Numru 151756 fl-import ta' €1,250 ma huwiex imniżżel fil-konteġġi tas-soċjetà intimata, għalkemm jidher li l-ħlas attwalment kien sar.*

*51. Jirriżulta, għalhekk, illi t-tranżazzjonijiet kollha ta' Foreign Currency Sales magħmula sat-12 ta' Novembru 2013 kienu kollha mħallsin.*

***Konsiderazzjonijiet dwar ħlas indebitu***

*52. Jirriżulta, għalhekk, illi ladarba ġie stabbilit illi l-bilanċi kollha dovuti kienu mħallsa għajr għal dawn iż-żewġ ammonti mislufa lir-rikorrenti mis-soċjetà intimata fl-ammonti ta' €5,000 u €3,712 rispettivament fl-4 ta' Novembru u fis-26 ta' Novembru 2013, l-unika bilanċ illi s-soċjetà intimata setgħet tippretendi mingħand ir-rikorrent kienu dawk relatati ma' tali tranżazzjonijiet, li flimkien jagħmlu bilanċ ta' €8,712.*

*53. Jirriżulta, mill-konteġġi ppreżentati mir-rikorrenti u kkonfermati mid-dokumentazzjoni pprovduta mis-soċjetà intimata, kif studjati fir-reqqa minn dina l-Qorti, illi bejn l-4 ta' Novembru 2013 sas-17 ta' Frar 2014, ir-rikorrenti għaddew is-somma totali ta' €14,470.06 sabiex*

*jagħmlu tajjeb għas-somma lilhom mgħoddija mis-soċjetà intimata li kienet tammonta għal €8,712.*

*54. Jirriżulta li, kif stqarr George Bugeja fl-affidavit tiegħu, (fol 189);*

*«All Financial Services Limited hija liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala istituzzjoni finanzjarja iżda mhix liċenzjata sabiex issellef il-flus u kuntrarjament għal dak illi ingħad f'din il-kawża qatt u assolutament fl-ebda mument ma għamlet dan it-tip ta' xogħol ta' self ta' flus.» (sottolinjar tal-Qorti)*

*55. Jirriżulta, għalhekk, illi abbażi ta' tali stqarrija ġuramentata illi dina l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita, jirriżulta illi is-soċjetà intimata ingħaddiet mir-rikorrenti is-somma ta' €14,470.06 biex trodd lura l-flejjes mgħoddija lilhom, mhux bħala self, li kien jammontaw għal €8,712.*

*56. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrenti għaddew lis-soċjetà intimata €5,758 aktar minn dak li kien lilha dovut.*

*57. Jirriżulta, għalhekk, illi tali flejjes mgħoddija biż-żejjed iridu jintraddu lura lir-rikorrenti mis-soċjetà intimata, stante illi ma kinux flejjes lilha dovuti ladarba hija ma kinitx qiegħda ssellef il-flus u ma setgħet qatt legalment issellef tali flus.*

***Konsiderazzjonijiet dwar danni***

*58. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrenti jikkontendu li s-soċjetà intimata għandha tħallas imgħax fuq tali flejjes indebitament minnha mħallsa kif ukoll għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż bankarji minnha inkorsi riżultat tal-fatt li sofrew 'bank charges' bħala riżultat li ċ-ċekkijiet ma ġewx onorati varji drabi.*

*59. Il-Qorti madanakollu, ma tistax tikkunsidra tali talba favorevolment, u dana għar-raġunijiet segwenti:*

*a. Dwar il-fatt li r-rikorrenti sofrew 'bank charges' in vista tal-fatt li ċ-ċekkijiet tagħhom ma ġewx onorati, il-Qorti tosserva li kienu r-rikorrenti li għamlu dikjarazzjoni falza lill-Bank fejn għarrfuha li ċ-ċekkijiet kienu ntilfu u għalhekk kienu twaqqfu, u kien riżultat ta' tali dikjarazzjoni falza illi l-Bank ipproċessa l- 'Bank Charges', u għalhekk għandhom ikunu r-rikorrenti li jagħmlu tajjeb għal tali miżati addizzjonali imposti fuqhom.*

*b. Dwar il-kwistjoni tal-imgħax, il-Qorti tosserva illi kieku r-rikorrenti għamlu l-konteġġi tagħhom sewwa sa mill-bidu nett, huma kienu jkunu a korrent tal-fatt li ħallsu flejjes aktar minn dak li kellhom iħallsu, għal liema nuqqas is-soċjetà intimata ma għandhiex tagħmel tajjeb billi tħallas l-imgħax li setgħu jieħdu r-rikorrenti kieku ma għaddewx tali flejjes żejda lis-soċjetà intimata.»*

17. Il-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq minnha fit-13 ta' April, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Marzu, 2021, u dan fuq l-aggravju waħdieni li sar apprezzament żbaljat tal-provi u tal-figuri li tħallsu bejn il-partijiet li wassluha tagħmel analiżi u osservazzjonijiet żbaljati.

18. L-atturi appellati ma ressqu l-ebda risposta tal-appell.

19. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2024 u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

20. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Konsiderazzjonijiet**

21. Il-kumpanija appellanti tilmenta mill-analiżi magħmula mill-Ewwel Qorti, fis-sens li hija qatt m'għarfet jew aċċettat li ċ-ċekkijiet jew *bank drafts,* li kienu pagabbli lill-istess appellati u li kellhom fuqhom struzzjonijiet ċari fis-sens li kellhom miktub fuqhom: «***Please pay cash to Ronald Azzopardi 700661 (M)***», b'xi mod servew bħala pagament lill-kumpanija appellanti jew li l-flus li ssarrfu minn dawn iċ-ċekkijiet b'xi mod ittieħed minnha. Tisħaq li d-dokument li fuqu straħet l-Ewwel Qorti (esebit f'paġna 255 tal-proċess) ma jirreferix għal dawn l-ammonti bħala pagamenti magħmula lill-kumpanija appellanti.

22. Hija ssostni li filwaqt li l-Ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni tagħha li: (a) l-appellati m'onorawx iċ-ċekkijiet li kienu nħarġu favuriha għas-servizzi mogħtija minnha; (b) li ma kien hemm l-ebda self ta' flus bejn il-partijiet; u (ċ) li l-appellati għamlu dikjarazzjoni falza lill-Bank meta għamlu *stop payment* (bl-ispjegazzjoni li dawn iċ-ċekkijiet kienu ntilfu), hija għażlet li tistrieħ fuq dak li ngħad mill-appellati dwar il-ħlas li jingħad li sar minnhom.

23. Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba tagħha li jinħatar perit komputista u għaddiet sabiex tagħmel l-għarbiel tekniku meħtieġ waħedha. Hekk ukoll jingħad mill-appellanti li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li kien hemm nuqqas fil-konteġġi tagħha meta ma tnižżlux żewġ ħlasijiet li saru, dak permezz ta' ***Bank Draft 17800 tal-BOV*** datat 15 ta' Novembru, 2013, għall-ammont ta' €3,705.30 u dak li sar permezz ta' ***BOV Ċekk numru 1042*** datat 12 ta' Novembru, 2013, fl-ammont ta' €1,250, meta dawn jirriżultaw bħala tranżazzjonijiet numri 14 u 16 fil-konteġġi tagħha.

24. Il-kumpanija appellanti tisħaq li d-dokumentazzjoni li hija ressqet fil-mori tal-kawża, inkluż l-*audited accounts* tagħha f'paġna 185 tal-proċess, isaħħu l-verżjoni tagħha. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-appellati ma ppreżentaw l-ebda dokument sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom u jiġi b'hekk li kellu jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda ħlas indebitu li sar mill-appellati.

25. Il-kumpanija appellanti tissokta tgħid li t-teżi mressqa mill-appellati kienet waħda malizzjuża u inveritiera, hekk kif ivvintat fuqha li hija kienet qiegħda tagħti servizz ta' self, meta hija ma kinitx awtorizzata li tagħmel dan u dan ma kienx minnu. Il-flus li għadhom dovuti jirrappreżentaw f'parti bejgħ/tisrif ta' *foreign currency* u f'parti bħala ħlas għal ċekkijiet maħruġa.

26. Din il-Qorti tqis li l-qofol ta' dan l-appell jistrieħ sewwasew fuq l-għarbiel li wettqet l-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha.

27. Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu fl-atti, din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-kumpanija appellanti għandhom mis-sewwa.

28. Il-punt tat-tluq huwa li l-atturi għandhom mixħut fuq spallejhom il-piż li jsostnu l-fatti li fuqhom isejsu l-jedd azzjonat minnhom (*actori incumbit probatio*). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Jekk l-atturi ma jirnexxilhomx jipprovaw dak li jallegaw, il-konvenuta m'għandhiex tbati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur* (ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine*** tat-18 ta' Lulju, 2017).

29. Għalkemm il-grad ta' prova fi proċeduri ċivili mhuwiex wieħed qawwi daqs dak mistenni fi proċeduri kriminali, b'daqshekk dan ma jfissirx

li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija f'kawża ċivili ma tistax tkun sempliċi suppożizzjoni jew stħajjila, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju. Relevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April, 2023, fl-ismijiet ***360 Retail Supplies Limited (C-64990) v. Maged Fawzy Shokry Iskandar et*.**

30. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija konvenuta hija mgħobbija bl-obbligu li tipprova d-difiża miġjuba minnha sabiex tikkuntrasta l-pretensjonijiet tal-atturi (*reus in excipiendo fit actor*).

31. L-atturi f'din il-kawża qegħdin isostnu li huma ħallsu l-import ta' żewġ ċekkijiet maħruġa mill-kumpanija attriċi minn fuq il-kont tagħha mal-Bank BOV li jġibu referenza 982 għall-ammont ta' €5,000 u dak li jġib in-numru 1114 għall-ammont ta' €3,712, total ta' €8,712, favur il-kumpanija konvenuta (ara kopja tagħhom esibita bħala Dok. AGC1 f'paġna 91 tal-proċess) u permezz tal-ewwel żewġ talbiet tagħhom qegħdin jitolbu li jiġi ordnat li l-kumpanija konvenuta tagħti lura dawn iż-żewġ ċekkijiet li l-atturi jisħqu huma mħallsa.

32. Jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas (f'dan il-każ l-atturi) għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' rċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***George Falzon et v. Carmelo Falzon et***, kif ukoll dik fl-

ismijiet ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud***, tat-30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm fil-ġurisprudenza ngħad ukoll, li fin-nuqqas ta' rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, kemm permezz ta' provi diretti bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll permezz ta' provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Maryanne Vella v. Brian Zammit et*** u ***Seyba Aluminium Limited v. Grazio Debono et*** imsemmija hawn qabel).

33. Min-naħa l-oħra, huwa wkoll maqbul li l-prova tal-pagament għandha ssir b'mod "*konvinċenti u konklussiv*" (ara ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et. noe*** deċiża minn din il-Qorti, fil-5 ta' Ottubru, 1998) u fid-dubju "*għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx*" (Vol. XXXVII P I p 525) (ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022, u ***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri*** deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010).

34. Miżmum dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u l-prinċipji msemmija, ngħaddu għall-każ tal-lum. L-atturi sabiex isostnu l-verżjoni tagħhom joħorġu bit-teżi li huma kienu qegħdin iħallsu lura l-ammonti mislufa lilhom, kif riżultanti miċ-ċekkijiet taħt eżami, permezz ta' ħlasijiet li huma kienu qegħdin jagħmlu b'mod regolari, permezz ta' ċekkijiet oħra maħruġa minnhom (ara prospett imħejji mill-atturi – Dok. A f'paġna 7 tal-proċess).

Iżda minn eżami taċ-ċekkijiet li l-atturi jippretendu li bihom ħallsu l-import taż-żewġ ċekkijiet (li jġibu referenza 982 u 1114) jirriżulta li, mhux biss dawn iċ-ċekkijiet u f'xi każijiet *bank drafts* inħarġu mill-kont tal-kumpanija attriċi f'isem l-attur l-ieħor Ronald Azzopardi, iżda talli fuq in-naħa ta' wara tal-istess ċekkijiet inkiteb "*Pay cash to Ronald Azzopardi*"!

35. L-attur jixhed li kien isir hekk fuq talba ta' George Bugeja, direttur tal-kumpanija konvenuta, li kien jiġbor il-flus tagħhom sabiex jagħmlu tajjeb ukoll għall-imgħax li kien jaqbeż dak permess mil-liġi, ċjoè ta' 1% kuljum. Din il-Qorti mhix konvinta, aktar u aktar meta l-attur isostni li wara ġimagħtejn li nħareġ l-ewwel ċekk ta' €5,000, jisħaq li kien ħallas €2,420 f'imgħax! (ara xhieda permezz ta' affidavit f'paġna 96 tal-proċess). Iżda meta wieħed jara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, l-imgħax li jingħad li tħallas huwa dak ta' €2,311.18 fuq medda ta' tliet xhur (ara paġna 359 tal-proċess). Din in-nuqqas ta' konsistenza min-naħa tal-attur, ukoll tixħet dubju fuq dak li jingħad minnu.

36. Madankollu, kif ingħad, din il-Qorti ma ssibx din il-verżjoni tal-attur bħala kredibbli. Tabilħaqq, jiġi osservat illi, filwaqt li l-Ewwel Qorti warrbet it-teżi tal-atturi appellati li ċ-ċekkijiet inħarġu fuq bażi ta' self, min-naħa l-oħra, aċċettat il-verżjoni tagħhom li ċ-ċekkijiet li nħarġu minnhom bejn it-12 ta' Novembru, 2012 u s-17 ta' Frar 2013, saru bħala ħlas għall-import taż-żewġ ċekkijiet taħt kontestazzjoni. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-Ewwel Qorti, f'paragrafu 45(h) tas-sentenza appellata, it-

tranżazzjonijiet mniżżla mill-kumpanija konvenuta f'paġna 255 tal-proċess mhumiex rikonoxxuti minnha bħala pagamenti magħmula lilha (b'rabta maż-żewġ ċekkijiet taħt kontestazzjoni) iżda lista ta' tranżazzjonijiet li seħħew bejn il-partijiet fil-kawża.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhix waħda raġonevoli, peress li donnha twarrab il-fatt li, kif imfisser mid-direttur tal-kumpanija konvenuta, ir-relazzjoni ta' negozju bejn il-partijiet, li kienet ilha għaddejja, ma kinitx sempliċement waħda fejn l-atturi jixtru *foreign currency* (Lira Sterlina u muniti oħra), iżda li l-atturi kienu jużaw il-kumpanija konvenuta sabiex isarrfu ċekkijiet fi flus kontanti (ara fol. 189 u 190 tal-proċess). Dan apparti, li t-teżi tal-atturi ma treġix. L-atturi jgħidu li dawn iċ-ċekkijiet kienu jissarrfu sabiex jitħallas l-import taċ-ċekkijiet. Madankollu dan huwa kontradett mill-fatt li din il-prattika kienet issir saħansitra qabel ma nħareġ l-ewwel ċekk taħt kontestazzjoni fit-12 ta' Novembru, 2013!

38. Relevanti f'dan is-sens huma t-tranżazzjonijiet bin-numri 5, 6, 8, 9 u 10 elenkati f'Dok. AF24 f'paġna 255 bil-kopji taċ-ċekkijiet relattivi mmarkati AF24.5 f'paġna 260; Dok AF24.6 f'paġna 261; Dok. AF24.8 f'paġna 263; Dok. AF24.9 f'paġna 264 u Dok. AF24.10 f'paġna 265, li lkoll inħarġu mill-kont tal-kumpanija attriċi f'isem Ronald Azzopardi, bil-kitba: "*Please pay cash to Ronald Azzopardi*" fix-xahar ta' Ottubru, 2013, qabel ma nħareġ l-ewwel ċekk ta' €5,000 mill-kumpanija attriċi! B'hekk, hija

aktar ta' min joqgħod fuqha l-verżjoni tal-kumpanija konvenuta, li l-atturi adottaw din il-prattika li kienu joħorġu ċekk mill-kont tal-kumpanija attriċi f'isem l-attur, sabiex ikollhom flus kontanti f'idejhom li jissarrfu għand il-konvenuta li kellha l-uffiċini tagħha viċin il-lukanda li joperaw l-atturi mingħajr ma jmorru jsarrfu ċekkijiet il-bank. Għalhekk qajla jagħmel sens li ċ-ċekkijiet li nħarġu f'isem l-attur bl-istruzzjonijiet li jitħallas fi flus kontanti, wara l-4 ta' Novembru, 2013, jittieħdu bħala xi rċevuta ta' ħlas versu l-import taż-żewġ ċekkijiet taħt eżami.

39. Raġuni oħra l-għala din il-Qorti ssibha diffiċli taċċetta l-verżjoni attriċi hija, li f'dan il-każ, irid jitqies ukoll li għandek bniedem tan-negozju u mhux xi ħadd li għadu kemm twieled li mhuwiex midħla tan-negozju. Huwa diffiċli li jitwemmen l-attur meta taħt kontroeżami (ara paġna 252 tal-proċess) jgħid li ma kellux irċevuti għal dawn il-ħlasijiet ħlief għaċ-ċekkijiet, peress li kif rajna, ċ-ċekkijiet huma aktar prova ta' ħlas li sar lill-istess Azzopardi. Jekk kemm-il darba, kien minnu li Bugeja kien jitlob li jitħallas b'dan il-mod, l-inqas ħaġa li seta' jagħmel Azzopardi, huwa li jitlob irċevuta tal-ħlasijiet li kien qiegħed jagħmel, jew li jitlob li jingħata lura ċ-ċekk ladarba l-ammont relattiv ikun imħallas. Jew almenu li l-istess Azzopardi, fin-nuqqas ta' rċevuta, jieħu miegħu persuna sabiex tkun xhud tal-ħlas li jgħid li kien qiegħed isir. Żgur li wieħed ma jistenniex li taħt il-kundizzjonijiet li jingħad li kien qiegħed jaħdem, li negozjant bħal Azzopardi jitlob lill-kumpanija konvenuta li jingħata ammont ulterjuri ta'

flus, din id-darba f'munita Sterlina, kontra ċekk ieħor maħruġ minnu, din id-darba fl-ammont ta' €3,712!

40. Hekk ukoll, kuntrarjament għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, meta f'paragrafi 49 u 50 tas-sentenza appellata qieset li kien hemm ħlasijiet li ma kinux inklużi fil-konteġġ/i tal-kumpanija konvenuta, jirriżulta xort'oħra. It-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-*Bank Draft* 17800 tal-BOV tal-15 ta' Novembru, 2013 fl-ammont ta' €3,705.30 (paġna 346) u ċ-ċekk tal-BOV Numru 1042 tal-14 ta' Novembru, 2013, fl-ammont ta' €1,250 (paġna 348), huma elenkati mill-kumpanija konvenuta bħala tranżazzjonijiet bin-numri 14 u 16 fil-prospett esibit minnha f'paġna 255 tal-proċess. Iżda, għal darb'oħra, minn eżami tad-dokumenti li jikkorrispondu ma' dawn it-tranżazzjonijiet f'Dok. AF24.14 f'paġna 271 u Dok. AF24.16 f'paġna 273, jirriżulta li fl-ewwel każ, l-attur appellat kien qiegħed jixtri £2,595 f'Lira Sterlina, kif ukoll sitt mitt Dollaru Amerikan fl-ammont ekwivalenti għal €3,705.30, filwaqt li fit-tieni każ, kienet qiegħda tinxtara elf Lira Sterlina ekwivalenti għal €1,250. Għalhekk, minkejja li dawn it-tranżazzjonijiet jirriżultaw evidenti mill-konteġġi tal-kumpanija konvenuta, l-import ta' dawn it-tranżazzjonijiet ma setgħu qatt jitqiesu bħala ħlas għall-ammont taż-żewġ ċekkijiet taħt kontestazzjoni maħruġa mill-kumpanija konvenuta.

41. Dan jingħad ukoll peress li minbarra li l-persuna li tallega ħlas għandha l-obbligu li tipprova li dak il-ħlas sar, hemm l-oneru wkoll li jiġi ppruvat li dak il-ħlas sar b'rabta mal-pretensjonijiet tal-kreditur, f'dan il-każ

mal-ħlas taż-żewġ ċekkijiet maħruġa mill-atturi favur il-kumpanija konvenuta, u mhux għal xi raġuni oħra (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Fenech v. Emanuel Calleja et***). Fil-każijiet li jissemmew mill-Ewwel Qorti fil-paragrafu ta' qabel dan, iċ-ċekkijiet li nħarġu mill-atturi appellati saru b'rabta max-xiri relattiv ta' *foreign currency* u mhux b'rabta mal-obbligu tal-atturi li jħallsu l-import taż-żewġ ċekkijiet suġġett tal-każ taħt eżami. Isegwi li għandha raġun l-appellanti fl-ilment tagħha.

42. Dan kollu jfisser li, ikkunsidrat in-nuqqas ta' rċevuta u allura l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx, meqjusa mal-provi l-oħra li tressqu, din il-Qorti mhix sodisfatta li l-atturi laħqu l-livell ta' prova meħtieġa. Kif ingħad qabel, fin-nuqqas tad-debitur li jipprova b'mod oġġettiv u sodisfaċenti l-pagament tad-debitu, kull dubju għandu jmur favur il-kreditur, f'dan il-każ, il-kumpanija konvenuta. Din il-Qorti ma tarax kif il-kumpanija konvenuta appellanti tista' tiġi mġiegħla tagħti lura ċ-ċekkijiet li ma jirriżultax li sar il-ħlas tal-import tagħhom.

43. Prova oħra mressqa mill-kumpanija konvenuta appellanti, li tagħtiha aktar kredibilità hija li mill-kontijiet ippreżentati minnha, kif eżaminati minn awditur, għas-sena 2013, dawn iż-żewġ ċekkijiet u/l-import tagħhom jissemmew (ara paġna 185 tal-proċess). Jiġi b'hekk li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi li jintraddu lura ż-żewġ ċekkijiet lill-atturi, li fuqhom

il-kumpanija konvenuta qiegħda tippretendi ħlas fi proċeduri separati (Avviż Numru 29/18 li bħalissa jinsabu sospiżi).

44. Niġu issa għall-bqija tal-ilmenti tal-kumpanija konvenuta appellanti, dawk li jolqtu l-kapi tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti laqgħet t-talbiet attriċi dwar il-ħlas indebitu.

45. Kif kellha okkażjoni tgħid din l-istess Qorti fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***David Buhagiar v. CFS Construction Limited et***, l-azzjoni tal-*indebiti solutio* hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentament jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li mingħandu jkun irċeviha bla jedd (**Artikolu 1021 tal-Kodiċi Ċivili**). Minbarra dan, kull min billi jaħseb, bi żball, li hu debitur iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur (**Artikolu 1022(1) tal-Kodiċi Ċivili**).

46. Huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-liġi tagħti l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq, imma wkoll meta, għalkemm xi ħlas kien mistħoqq, tħallas iżjed minn kemm kien mistħoqq, u jekk jiġri hekk, min iħallas jista' jfittex għar-radd taż-żejjed imħallas. Biex ir-radd tal-ħlas mhux mistħoqq jista' jintalab bil-jedd jeħtieġ li dan il-ħlas ikun sar bi żball u dana l-iżball ikun *di fatto* (ara

s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Francis Busuttil & Sons Limited v. Kontrollur tad-Dwana*** mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2022, kif ukoll dik fl-ismijiet ***Anna Maria Gauci noe v. Salvino Farrugia et*** tal-24 ta' Ġunju, 2016).

47. Sadanittant, huwa miżmum ukoll li l-elementi li jridu jigu ppruvati biex tirnexxi azzjoni ta' ħlas indebitu huma dawk imfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Mejju 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Camilleri v. Silvio Mifsud et***, fejn jinsab imtenni illi:

> *«L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'suċċess l-obbligu li jipprova t-tliet elementi tal-azzjoni. Dawn huma:- (a) Illi huwa ħallas l-ammont minnu reklamat; (b) Li dak li ħallas ma kienx minnu dovut lil min ħallsu; (c) Li kien hekk ħallas minħabba żball.»*

48. Fir-rigward ta' dawn it-tliet elementi, kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April, 2010, fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Demanuele et v. Joseph Coleiro*****,** jekk kemm-il darba jonqos xi wieħed minnhom, l-azzjoni taqa' (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Mejju, 1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Bianco v. Pellegrini Petit*** (**Kollez. Vol: XXXVIII.ii.483**)) u l-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dawn l-elementi jaqa' fuq min jallega li jkun ħallas bla mistħoqq (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tal-25 ta' Jannar, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Refalo et v. Roger Xuereb***).

49. Minn dan it-tagħlim jinżel li, lanqas il-bqija tat-talbiet attriċi ma setgħu qatt jirnexxu. Dan jingħad peress li fl-ewwel lok, kif rajna qabel, l-atturi ma rnexxielhomx jagħtu prova tal-ħlas li suppost għamlu favur il-kumpanija konvenuta b'rabta mal-import taż-żewġ ċekkijiet taħt kontestazzjoni; Fit-tieni lok, fejn saru ħlasijiet lill-kumpanija konvenuta, permezz ta' ċekkijiet oħra favur il-kumpanija konvenuta, dawn il-ħlasijiet saru b'rabta max-xiri u bejgħ ta' *foreign currency*, li jfisser li kien hemm ukoll kawża marbuta mal-imsemmi ħlasijiet.

50. Ġaladarba l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw dawn iż-żewġ elementi tal-ħlas indebitu, l-azzjoni tagħhom ma tistax tirnexxi. Dan kollu jfisser ukoll li s-sentenza appellata mhix raġonevoli, hekk kif il-konteġġi magħmula minnha f'paragrafi 53 u 55 u l-konklużjonijiet milħuqa minnha f'paragrafi 56 u 57 huma żbaljati, hekk kif iwarrbu għalkollox negozju ieħor li sar bejn il-partijiet fil-kawża. B'hekk, dawk it-tranżazzjonijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti ma kellhom qatt jittieħdu bħala prova ta' ħlas tal-import taż-żewġ ċekkijiet taħt eżami u wisq inqas jista' jingħad li kien hemm xi ħlas indebitu, ladarba saru b'rabta ma' tranżazzjonijiet separati u indipendenti mill-istess ċekkijiet taħt kontestazzjoni.

51. Dan ifisser li l-aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti jirriżulta mistħoqq ukoll, sa fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi b'rabta mal-allegat ħlas indebitu.

## Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell imressaq mill-kumpanija konvenuta All Financial Services Limited, u għaldaqstant tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Marzu, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mill-atturi Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss